TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 95/16/GB

**Maria Dolores Mangion**

**vs**

**Robert Tabone – Top Choice**

Illum 22 ta' Gunju 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-10 ta' Mejju, 2016 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' sebgha mija disgha u hamsin Ewro (€759.00), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal *television* li nxtara minghand l-intimat, liema *television* kien difettuz.

L-intimat ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Bil-prezenti hija qieghda titlob li t-*television* li hija xtrat minghand l-intimat jigi mibdul ghal wiehed gdid u b'garanzija gdida ghal perjodu ta' sentejn.

Din it-talba qed taghmilha ghar-raguni li waqt il-perjodu tal-garanzija ta' dan it-*television*, kellu l-hsara erbgha (4) darbiet.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet ir-ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.MM1; flimkien ma' kopja ta' ittra li ntbaghtet lill-intimat, li giet immarkata bhala Dok.MM2.

It-Tribunal, wara li ra r-regolament numru 4.1 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 378.01, u wara li ra li l-intimat ippreżenta risposta bil-miktub wara li kien skada t-terminu ta' tmientax-il jum, stipulat mill-istess Legislazzjoni Sussidjarja, cahad ir-risposta ta' l-intimat. Illi ghalhekk, l-intimat baqa' kontumaci.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti ta' l-intimat lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentax ir-risposta tieghu bil-miktub ghat-talba in kwistjoni fit-terminu mpost mill-Ligi. It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u nonostante l-fatt illi jifhem il-frustrazzjoni tar-rikorrenti, it-Tribunal huwa ta' l-opinjoni ferma illi lanqas jista' l-konsumatur jibghat l-oggett in kwistjoni ghat-tiswija (u b'hekk idahhal in-negozjant fi spejjez ta' tiswija), pero' fl-istess nifs jipprocedi kontra l-istess negozjant. Illi ghalhekk, it-Tribunal jikkonkludi illi t-talba tar-rikorrenti hija wahda intempestiva, stante li hija fethet il-proceduri odjerni qabel ma aċċertat ruhha jekk it-*television* in kwistjoni kien issewwa ghas-sodisfazzjon taghha jew le, billi lanqas biss gabret l-imsemmi *television* minghand l-intimat, wara li kienet hallietu hemm ghat-tiswija u wara li kien fil-fatt issewwa. Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**